Bil-Malti, tinqaleb hekk:

"Lil Ġesù li kien imsallab,
"Għal ħtijiet tal-midinbin,
"Hawna rajtu u hawna bkejtu,
"Kbira Sidt tagħna l-bnedmin.

U wara tingħad il-Litanija u nhar ta' Ġimgħa u nhar ta' Ħadd tingħata l-Barka, u r-Rħieb jidħlu (għax ir-Rħieb t'hawn jieklu bikri billi jridu jqumu mhux fil-għodu, imma f'nofs il-lejl, biex jgħidu l-Uffizzju) u n-nies joħorġu mill-Basilika u jmorru lejn id-dar, jew jaqdu xi qadja li jkollhom, għax ikun għadu l-ħin.

ELSIE

---

(1) Ara dan il-"Qari", għadd 4, Sena 1958, f. 108.

(2) Il-Patri Kummissarju ta' Malta, li ħa Pellegrinaġġ Malta f'Awissu 1956, aktarx li ma jdumx ma jieħu Pellegrinaġġ ieħor, għax qalulu li jixtiequ jmorru ħafna nies.

(3) Ara għadd 2, l-ewwel Sena (1955) f. 26, u għadd 1, Sena 1957, f. 12.

---

# IL-KNISJA TAL-GEBLA F'NAZARET

Xi daqqiet donni rrid naħseb li Malta hi xi biċċa art li nqatgħet mill-Palestina u baqgħet ġejja mal-baħar sakemm waqfet fejn hi issa, hawn taħt Sqallija!

Donni rrid naħseb hekk, għax innies ta' hemm jitkellmu lsien qisu Malti; aħna ngħidu: "X'ismek?", u huma jgħidu: "X'hu ismak?". Aħna ngħidu: "Sliem għalik, Marija"; u huma jgħidu: "Is-salam għalik, ja Marjam". Aħna ngħidu: "Fejn kont il-bieraħ?", u huma jgħidu: "Fen kunt imbârah?", qisu bħal xulxin.

Barra minn hekk, wisq ismijiet ta' mkejjen fil-Palestina, jixbħu lil ta' Malta; ħdejn Ġerusalem, hemm raħal jismu ż-Żejtun, u bejn Ġerusalem u Betlehem hemm raħal ieħor jismu Hal-Luqa, u hemm ukoll Hal-Ahmar, Hal-Junes u oħrajn. F'Malta hawn Għajn Tuffieħa, Għajn Rihâna, Għajn Żejtuna u hekk; u l-Palestina hemm Għajn Karem, Għajn Henija, Għajn Għaġab, u oħrajn. Malta hawn Ġebel Cantar u Ġebel Għażâra, u l-Palestina hemm Ġebel Qurantal, Ġebel el-Moskob, Ġebel it-Tur u ħafna oħrajn. Imbagħad, f'Malta hawn Bir-id-Deheb, Bir-Żebbuġa u hekk; u l-Palestina hemm Bir Għajjub, Bir iż-Żejt, u Bir il-Helu u ħafna oħrajn. U dan naħseb li biżżejjed biex wieħed jara kemm l-ismijiet tal-inħawi ta' Malta jaqblu mal-ismijiet tal-inħawi tal-Palestina.

U biex insemmu ħaġa żgħira, Malta, il-Gżira (jew aħjar, WARA l-Gżira, għax kien hu l-isem veru ta' dik in-naħa, kif jidher mill-ktieb tal-Kommendatur Abela, miktub fis-sena 1647), hemm il-knisja tal-Ġebla; u Nazaret hemm il-knisja tal-Ġebla wkoll! Imma l-knisja tal-Ġebla ta' Nazaret u l-knisja tal-Ġebla ta' Malta, l-isem biss għandhom bħal ta' xulxin; il-bqija hemm bejniethom għażla kbira.

Il-knisja tal-Ġebla ta' Nazaret hija kappella żgħira b'artal wieħed; il-knisja tal-Ġebla ta' Malta hija knisja kbira, b'ħafna artali. Imbagħad, biex tpatti għal dan, il-Ġebla tal-knisja tal-Gżira, hija żgħira daqs ponn ta' raġel; imma l-Ġebla tal-kappella ta' Nazaret, kbira ħafna, għax twila tnaxer (12) xiber, wiesgħa disa (9) t'ixbar, u għolja tlieta (3)! Ara kemm hi kbira, li l-artal tal-kappella kemm kemm jidher warajha!

Jekk il-Ġebla tal-kappella ta' Nazaret hix imwaħħla mal-art jew

maqlugħa, jiġifieri hix blata jew ġebla miġjuba minn xi naħa oħra, jien għad li rajtha u bistha kemm il-darba (għax hi magħduda b'ħaġa mqaddsa, bo lil San Alwiġi Re ta' Franza, fejn qallu li Bibars sultan Mislem, kien ġarraf il-knisja tal-Lunzjata f'Nazaret u l-knisja ta' fuq it-Tabor u wkoll



Nazaret — Il-knisja tal-Ġebla minn barra.



Nazaret — Il-knisja tal-Ġebla minn ġewwa. Il-Ġebla hija dik il-blata li hemm f'nofs il-knisja quddiem l-artal.

u kull min iżur il-kappella jbus il-Ġebla), ma nafx, għax il-qiegħa tal-kappella ċċangata u ma tistax tara.

* * *

L-istorja tal-ġebla tal-knisja ta' Malta nafuha sewwa, għax ġrat fis-sena 1902, qisu l-bieraħ. Imma x'kienet il-Ġebla tal-kappella ta' Nazaret, ħadd ma jaf sewwa. Hemm għidut qadim li fuqha, darba, jew aktar minn darba, kiel sidna Ġesù Kristu mal-Appostli tiegħu; u xejn aktar. Kif u meta ma jingħadx. Imma tajjeb wieħed jgħid in-naqra tal-istorja tagħha.

Din il-Ġebla mqaddsa hi msemmija l-ewwel darba fis-sena 1263, meta l-Papa Urbanu IV fil-20 t'Awissu ta' dik is-sena, bagħat ittra minn Viterbo lil San Alwiġi Re ta' Franza, fejn qallu li Bibars sultan Mislem, kien ġarraf il-knisja tal-Lunzjata f'Nazaret u l-knisja ta' fuq it-Tabor u wkoll il-knisja *tal-Mejda* (ecclesiam de Tabula) "fejn sidna Ġesù Kristu kiel ma' l-Appostli". Minn meta daħlu Nazaret il-Franġiskani, dejjem semgħu 'l min jgħid li fuq dik il-Ġebla Kristu kiel mal-Appostli. U l-Ġebla tidher li kienet maqtugħa sewwa mill-erba t'ignieb, biex jitħalla biss il-wiċċ tagħha (fejn qagħdu jieklu Kristu u l-Appostli), fi żmien il-Biżantini, qabel ma nbniet l-ewwel knisja.

Meta waqqagħha Bibars, dil-knisja baqgħet imġarrfa u madwarha kien raba' tal-Misilmin. Imma disa' u disgħin sena ilu, jiġifieri fis-sena 1861, il-Franġiskani xtraw il-ħerba tal-knisja bil-Ġebla taħtha, u bnew il-kappella li għad hemm sal-lum.

Fra Pietru, O.F.M.